MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 338/2002/1

**Edward Attard Montalto u Suzanne mart l-istess Edward Attard Montalto**

**Vs**

**Francesco Fenech Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li:-

1. Prevja dikjarazzjoni tar-rexxissjoni tal-bejgh, u okkorrendo permezz ta' periti nominadi;
2. Tirrifondi lill-atturi s-somma ta' elfejn hames mija hamsa u sittin Lira (Lm2565) prezz ta' madum tat-tip 'Fiorito marmoresina' mibjugh lill-atturi u konsenjat fil-fond 'Hibiscus', Triq Konti R Barbaro, Attard, izda li mhuwiex

tal-kwalita' mwieghda, u nkluz il-prezz ta' transport, ramel u cement relattiv;
3. Tirrifondi lill-atturi s-somma ta' mitejn tlieta u hamsin Lira (Lm253) prezz ta' rham 'verde Guademala' mibjugh lill-atturi izda li issa l-atturi ma jistawx jaccettawh;
4. Tizgombra l-imsemmi madum, irham u materjal mill-imsemmi fond, u l-konvenut avzat illi dawn qed jinzammu ghar-riskju tieghu;
5. Ihallas lill-atturi d-danni sofferti mill-atturi, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif likwidati mill-Qorti.

Huwa ammess illi l-atturi ghandhom ihallsu lill-konvenut ghall-madum u sollijiet tal-materjal PR marmoresina supplit lill-atturi mill-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu 2002. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument esebit mal-istess avviz a fol 2 sa fol 4 tal-atti u markat 'Dok EAM1'.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 16 ibid) u li biha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-materjal konsenjat huwa tal-kwalita pattwita.
2. Illi konsegwentement il-bejgh m'ghandux jigi rexis u m'hemmx danni jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjent.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
4. Illi l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu minn dan l-avviz biex jaghmel il-kontro talba tieghu.

Rat il-kontro talba tal-istess socjeta konvenuta (fol 16 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

Peress illi l-attur huwa veru cert u likwidu debitur tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf tmien mija u zewg Liri u tlieta u sebghin centezmu (Lm1802.73) bilanc ta' somma akbar dovuta bhala prezz ta' oggetti mibjugha u konsenjati lill-atturi.

U ghalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex tiddikjara lill-atturi rikonvenzjonati debituri tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' elf tmien mija u zewg Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm1802.73) fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-atturi millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-12 ta' Gunju 2002 (fol 19 ibid) u li bih gie nominat bhala espert tekniku l-Perit Valerio Schembri sabiex jirrelata limitatament mill-lat tekniku.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess attur ghal kontro talba msemmija (fol 20 u fol 21 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi l-atturi specifikament ddikjaraw fl-avviz taghhom illi ghandhom jaghtu lis-socjeta' konvenuta ghal madum u sollijiet supplit lilhom izda l-ammont ma setghax jigi specifikat minhabba li s-socjeta' konvenuta ghada sal-lum ma baghtitx il-fatturi kollha relattivi. Ghalhekk, minhabba dan in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta stess, hi ghandha tbati l-ispejjez kollha tal-kontro-talba taghha, fi kwalunkwe kaz;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u fil-mertu, l-maggjor parti tat-talba hija ntempestiva, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni, ghaliex mhux l-ammont kollu mitlub fil-kontro talba huwa kreditu likwidu ghas-socjeta' konvenuta, ladarba ma ntbaghtux il-fatturi kollha. Ghalhekk il-kontro talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez fil-maggjor parti taghha.
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet u fil-mertu, lanqas fil-kontro talba ma hemm specifikat ghal liema oggetti u skond liema fatturi huma dovuti l-Lm1802.73 li qed titlob is-socjeta' konvenuta. Ghalhekk, l-atturi ma jistghux ighidu kemm mis-somma tista tkun dovuta, qabel ma l-istess socjeta' konvenuta tipproduci l-provi mehtiega.

Ghalhekk, l-atturi rikonvenzjonati jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment jekk ikun il-kaz.

4. Illi fi kwalunkwe kaz, f'kaz li l-kawza tigi deciza favur l-atturi rikonvenzjonati, l-istess atturi ikollhom jiehdu minghand is-socjeta' konvenuta aktar milli jkollhom jaghtuha, ghalhekk ma sarux aktar pagamenti lis-socjeta' konvenuta. Anke minhabba f'hekk, is-socjeta' konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha tal-kontro-talba.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.

Rat ir-relazjoni tal-imsemmi espert tekniku nominat (fol 35 tal-istess atti) kif ukoll ix-xhieda tal-istess Perit Tekniku a fol 40 et seq ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 75 u fol 84 et seq ibid.

Ikkunsidrat

Illi dwar it-talbiet u kontrotalba in esami jkun opportun illi, mal-ewwel issir referenza ghar-relazzjoni sottomessa mill-espert tekniku (fol 35 tal-istess atti).

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza tinvolvi madum tal-art mixtri mill-atturi minghand is-socjeta' konvenuta, liema madum, wara li tpogga u twahhal fil-post, mibni mill-istess atturi beda jinqala'. Dwar dak mitlub fl-avviz in esami u li jirreferi ghal kwistjoni dwar jekk il-madum konsenjat kienx tal-kwalita pattwita u miftehma bejn il-partijiet. Dwar din il-kwistjoni minhabba c-cirkostanzi u ghar-raguni elaborata fl-istess relazzjoni, l-istess espert issottometta illi '… mhux possibbli li jigi stabbilit, b'certezza, jekk il-kwalita tal-madum supplilt … hix l-istess bhal dik pattwita bejn il-partijiet'. Pero gie sottomess ukoll illi l-madum kellu jitqieghed direttament fuq sodda nadifa u lixxa tal-konkos bil-kolla u mhux bir-ramel u 'cement' kif filfatt sar f'dan il-kaz. Difatti skond l-istess espert '… l-problema f'dan il-kaz hija l-metodu ta' kif tqieghed ir-'resin' … dan qatt ma messu tqieghed bir-ramel u s-siment fuq sodda tat-torba'

oltre li minhabba l-'polishing' li sar '… l-madum tar-resin jassorbixxi l-ilma u b'hekk jispicca mibrum'. Dan tal-ahhar intqal mill-istess espert meta gie eskuss 'viva voce' kif jidher a fol 40 et seq ibid u zied '… jekk jitwahhal bir-ramel u s-cement, aktar jassorbixxi ilma. Ghalhekk l-ahjar huwa li jitwahhal bil-kolla'. In rigward il-'polish' li jkun in-naha ta' fuq, jekk jinhasel l-istess madum, ma jkunx hemm penetrazzjoni ta' hafna ilma li b'hekk ma jigix oltrepassat il-'minimum moisture content'. Dwar dan, l-informazzjoni relattiva ghandha tinghata lill-akkwirent minn min ikun ser jissuplixxi dan it-tip ta' madum.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 45 et seq ibid) xehed illi l-ftehim in esami esebit quddiem l-espert tekniku u anness mar-relazzjoni sottomessa minnu kien jirreferi '… li din (is-socjeta' konvenuta) tissuplixxi l-materjal biss u mhux ghat-tqeghid'. Hu kien ordna il-madum tat-tip 'Fiorito' ossija 'marble resin' u waqt id-diskussjonijiet ma' Anthony Fenech (ara 'infra') dan kien informa lill-atturi illi kien ser jasallu '.. tip ta' 'resin' li qatt ma kien hawn qabel Malta …. Maghmul minn trab tal-irham u mhux minn 'chips' tal-irham'. Hu kien ra il-'mostra' ossija kampjun u hawnhekk tqeghid ta' dan il-madum, ma kienx inghata xi struzzjonijiet bil-miktub izda waqt li kien qed jittiehed il-kejl kien intqal minn Anthony Fenech illi kellu jintuza 'cement' abjad. Dwar il-<u>kontro talba</u>' hu jsostni illi minhabba dak premess, hu ma kellux jhallas dak mitlub fiha '… meta hemm il-problema li ghaliha hemm referenza fl-avviz in esami' oltre li kien sar jaf ghall-ewwel darba b'fattura waqt il-produzzjoni tal-provi fis-seduti quddiem l-espert tekniku (ara l-anness <u>Dok X</u> datat April 2002). L-istess attur kien di gja xehed quddiem il-Perit Tekniku nominat (Dok VS4). Hawnhekk hu specifika li dan l-avviz hu ristrett ghal madum denominat '<u>Fiorito marmoresina</u>' kif specifikat fl-anness <u>Dok EA2</u>. Inoltre Anthony Fenech kien qallu li, in rigward it-tqieghed dan il-madum li tieghu ma' kellux kampjuni disponibbli kellu jsir permezz ta' siment abjad taht ir-resin u sabiex '… nkun zgur li mnaddaf it-torba mill-qsur etc'. Sussegwentement kien sar 'polishing' avolja l-istess madum kien jkun di gja 'polished'. Izda

sussegwentement, wara certu zmien, il-madum kien beda jiccaqlaq u meta tkellem dwar dan ma’ Anthony Fenech dan kien informah illi s-‘supplier’ tieghu u kien, hawnhekk, illi l-istess Fenech kien qallu, illi l-madum ‘.. suppost twahhal bil-kolla fuq sodda bil-konkos’ u, mhux bis-sement u r-ramel kif kien sar. Difatti l-attur gie infurmat dejjem minn Anthony illi ‘jrid jinqala’ kollox, titnehha t-torba, issir sodda tal-konkos u jerga’ jitqieghed bil-kollha tac-ceramika’. Ix-xhud specifika, ghal darba ohra, illi ‘Qabel ma kienx tani dettalji simili’ u, fil-kontro ezami, ‘Mas-Sur Fenech konna di gja tkellimna li ser nuzaw ramel u siment …’.

Ikkunsidrat

Illi meta Anthony Fenech xehed, permezz ta’ ‘affidavit’ quddiem l-espert tekniku, hu kkontesta dak li xehed l-attur u filfatt sostna li kien qal lill-istess attur li ‘… dan , it-tip ta’ madum jehel bil-kolla fuq ‘screed’ tal-konkos u mhux fuq ix-xahx …’. Inoltre u dan ma hux kontestat, it-tqeghid tal-madum ma kienx inkarigu moghti lis-socjeta’ konvenuta. Inoltre hu irrefera ghad-dokument esebiti mill-attur u markat Dok EAM 15X u hu kkonfemra li dan kien fuljett ta’ struzzjonijiet ‘… li jien tajt lill-attur qabel ma ghamel l-ordni …’ Dan ix-xhud xehed ukoll ‘viva voce’ (fol 50 u fol 57 et seq ibid), in kontro ezami u dan ikkonferma li l-ordni kienet saret ‘… fuq kampjun li kont urejtu ‘. Inoltre, dwar l-imsemmi fuljett, hu rega’ qal ‘… bhal dan inghata minnu lill-attur’ izda hawnhekk hu ma setax jiftakar jekk kienx ta’ l-istess fuljett lill-attur qabel jew wara li kien sar il-kejl. Sussegwentement dwar l-istess fuljett ossija struzzjonijet ta’ kif ghandu jitwahhal dan it-tip ta’ madum hu kien qal ‘Niftakar li meta nqalghet il-problema in kwistjoni kien staqsieni ghall-istruzzjonijiet’ pero immedjatament wara hu kkorega ruhu u qal ’Hawnhekk nghid li rega’ talabhomli’ u ma eskludiex illi ‘Wara li nqalghet din il-problema jista’ jkun li ktibt lis-‘supplier’ taghna’.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi prodotti w ir-relazzjoni teknika, il-Qorti waslet sabiex tikkonkludi u tiddeciedi fuq is-segwenti fatti u fatturi:

It-Talbiet attrici

L-artikolu 1390 tal-kodici jghid illi jekk il-haga konsenjata ma hiex tal-kwalita pattwita jew mhux skond il-kampjun li fuqu gie miftiehem il-bejgh, ix-xerrej ghandu l-ghazla li jew ma jaccettahiex u jitlob danni kuntrattwali jew jaccettaha izda bi tnaqqis mill-prezz.  Kif impostat l-avviz promotur, l-atturi jidher li ghazlu li jigi rexiss il-bejgh u wara li ssir din id-dikjarazzjoni jkun hemm ir-refuzzjoni tal-prezz gja imhallas mill-atturi, jigi 'zgumbrat' l-istess madum u jsir risarciment ta' danni sofferti mill-istess atturi.  Jidher illi dawn it-talbiet kollha hu bazat fuq l-allegazzjoni illi l-madum ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Dwar dan jidher li gie pruvat, fuq bazi ta' probabilta', illi l-bazi ta' dan kollu kien it-tqeghid difettuz tal-istess madum hawn fuq imsemmi liema inkarigu, pero, ma kienx inghata lis-socjeta' attrici izda gie esgwit minn terzi inkarigati mill-atturi.  Minn dan jista' jinghad illi l-atturi ma' pprovawx, kif kien jinkombi fuqhom illi l-madum in kwistjoni ('Fiorito Marmoresina') ma kienx tal-kwalita pattwita.  L-istess espert tekniku ssottolinea li l-madum beda jiccaqqlaq ghax kien tpogga fil-post u twahhal bil-metodu hazin u dan, kif di gja nghad, minn persuna jew persuni inkarigati mill-istess atturi.  Dwar dan l-atturi jghidu illi kien l-istess Anthony Fenech li kien tahom struzzjonijiet zbaljati. Dwar dan il-punt jidher li mill-provi prodotti, hu probabbli hafna li dan huwa minnu.

Pero, kif bazata din l-azzjoni fuq l-artikolu 1390 citat, dan il-fatt ma jinkwadrax ruhu f'dan l-artikolu u ghalhekk, fuq bazi legali, biss, jrid jigi skartat minn din il-Qorti.

Il-Kontrotalba

Mill-provi jidher li ghad hemm bilanc ghadu dovut mill-attur.  Dwar l-istess kontrotalba oltre li saret l-ammissjoni da parti tal-attur dwar ammont ghadu dovut minnhom in

rigward materjal 'P R Marmoresina' jigi sottolineat illi l-attur meta xehed kien stqarr '.. meta hemm il-problema li ghaliha hemm referenza fl-avviz in esami' u ghalhekk ma hassx li kellu jhallas l-ammont ta' Lm1802.73 ossija €4199.23. Wara li jigi premess illi t-talbiet attrici, fuq bazi legali, ma jistghux jigu akkolti kif hemm fuq premess, din it-talba maghmula mis-socjeta' konvenuta ghandha tigi akkolta. Ta' minn jghid illi l-atturi, fl-eccezzjoniet sottomessi minnhom, jsostnu illi sad-data tal-prezentata tal-avviz in desamina ma kienux ircevew il-fatturi kollha. Dwar dan il-punt, li jidher li irrisulta mill-provi prodotti, ghandu jkun rifless, biss fl-ispejjes tal-proceduri relattivi, fil-fehma ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk waqt li t-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti, il-kontrotalba ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti waqt li tichad it-talbiet attrici, tilqa' il-kontrotalba kif dedotta u tikkundanna lill-atturi sabiex jhallsu lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm1802.73 ossija €4199.23 bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-istess kontrotalba ossija mit-12 ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz u b'referenza ghat-talbiet u kontrotalba in esami, dawn jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. B'riserva 'si et quatenus' ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------